MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 1803/2003

**Paul Slater
vs**

**David Enriquez**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2003, fejn intqal:**
**Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Kbira, Swieqi nhar it-8 ta' Lulju, 2003 meta sehhet kollizzjoni bejn « trailer » mhux assikurat li kien migbud mill-vettura targata LAU 759 misjuqa mill-konvenut u l-vettura EAQ 394 misjuqa mill-attur.**

**Ghalhekk l-istess konvenut qed jintalab ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hmitax-il lira Maltija rapprezentanti danni sofferti minn Paul Slater u dan wara li t-Tribunal jiddikjar l-htija u tort tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri nterpellatorji tad-29 ta' Lulju, 2003 u t-13 ta' Awissu, 2004.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fid-9 ta' Jannar, 2004 fejn intqal :**

**Illi l-incident de quo sehh unikament minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-attur. Huwa ghaldaqstant it-talba tieghu ghandha tigi michuda.**

**Bl-ispejjez u bl-attur ingunt in subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Slater, Donald Mallia, David Enriquez. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Illi din il-kawza qed issir dwar incident stradali sehh fit-8 ta' Lulju, 2003 fi Triq Regjonali fil-parti wara li tghaddi t-traffic lights hdejn Paceville. Il-vetturi nvoluti fil-kollizzjoni kienu l-vettura EAQ 394 misjuqa mill-attur u l-vettura LAU 759 misjuqa mill-konvenut. Il-vettura LAU 759 kienet qed tigbed trailer b'daghjsa fuqha. Iz-zewg vetturi kienu mexjin fid-direzzjoni ta' St Andrews.**
**2. L-attur kellu zewg passiggieri mieghu u skond ma jghid hu ra l-vettura tal-konvenut quddiemu, hu xeghel l-indicator biex jissorpassaha. L-attur ighid ukoll li daqq il-horn. Skond l-attur waqt li qieghed jimmanuvra biex jissorpassah innota illi l-konvenut kien qed jersaq il-barra u ghalhekk daqqlu l-horn u l-konvenut iddritta ruhu pero' t-trailer baqa' ngolat u kienet ir-rota tat-trailer li laqtitlu l-genb tieghu. It-Tribunal innota illi l-attur xehed illi kien distanza wara l-karozza tal-konvenut u seta' jarah bla ebda ostakolu.**

**3. Donald Mallia li kien passiggier ma' l-attur jikkonferma bazikament dak li qal l-attur. Hu jzid ighid li kienu ilhom mexjin wara l-konvenut ghal xi zmien.**
**4. Il-konvenut jispjega illi t-trailer hu ftit aktar wiesa minn karozza u ghandu d-dwal fuq wara u fih tul ta' cirka hames metri. Il-konvenut ighid li kien qed isuq fuq il-karreggjata ta' gewwa u nnota li l-attur kien qed jipprova jaqbzu u ghalhekk ipprova jidhol il-gewwa, pero' ma setax jidhol aktar milli dahal. Il-konvenut ighid li horn ma semghax.**
**5. It-Tribunal jinnota illi kif ritenut mill-Qorti f'kazijiet simili fejn ghandek zewg vetturi mexjin wara xulxin, il-vettura li qieghda tipprecedi ma ghandha ebda obbligu li tara xi traffiku kien gej minn warajha, in kwantu l-vettura tkun miexja fid-dritt u ghalhekk l-obbligu taghha hu tara biss dak li hemm quddiemha.**

**Kif jinghad:**
**"Where a car is traveling in a straight course turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road.**

**The front car has a superior right; his look-out is ahead, and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road…" (Trial of Motor Car Accident Cases.. Para.83).**

**L-attur f'dan il-kaz kien perfettament konxju tal-vettura li kellu**
**quddiemu u kien fl-obbligu li juza l-massima diligenza fis-sorpass in kwantu din il-vettura ta' quddiemu kellha trailer maghha.**
**6. F'dan il-kaz il-konvenut l-unika manuvra li ghamel kienet li jersaq il-gewwa sabiex ihalli lill-attur ighaddi. L-attur da parti tieghu dehrlu illi kien hemm spazju sufficjenti biex ighaddi. It-Tribunal qed iqis illi fic-cirkostanzi, anke jekk it-trailer ghamel xi moviment, haga li ma tirrizultax, il-konvenut ma kien**

**b'ebda mod negligenti fis-sewqan tieghu u konsegwentement ma jistax jigi tenut kont responsabbli ghall-eventwali kollizzjoni.**

**Ghaldaqstant peress illi l-kollizzjoni ma sehhitx tort tal-konvenut, qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------